# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd
L-I Ħadd tal-Avvent
Sena B

**Introduzzjoni**
Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tal-Ewwel Ħadd tal-Avvent. L-Avvent hu żmien ta' stennija u tħejjija spiritwali għall-miġja ta' Ġesù fostna. Il-liturġija tal-lum tistedinna sabiex infittxu li niftħu qalbna għall-Kelma t'Alla u nerġgħu ningħaqdu miegħU sabiex ngħixu ħajja fis-sliem.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 63, 16b-17.19b; 64, 2-7)
Bi kliem mill-aktar ċar, il-profeta Isaija jħejji lilu nnifsu u lill-poplu għall-miġja tas-salvatur.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 79 (80), 2aç.3b.15-16.18-19)
Reġġagħna għal li konna, Alla tal-eżerċti; itfa' fuqna d-dija ta' wiċċek, u nkunu salvi.

**It-Tieni Qari** (1 Kor 1, 3-9)
San Pawl iħeġġeġ għall-istennija tad-dehra ta' Sidna Ġesù Kristu.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mk 13, 33-37)
Ġesù jwissi lid-dixxipli tiegħu u jgħidilhom sabiex ikunu dejjem lesti għal dak il-mument li fih isir il-ħaqq mill-bnedmin kollha.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Iż-żmien tal-Avvent jimliena bil-ħeġġa li naħdmu aktar u nkunu lesti għall-miġja ta' Ġesù fostna. Ejjew għalhekk inressqu dawn l-offerti frott il-ħidmiet tagħna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Alla jagħżel li jsir ħaġa waħda magħna kull darba li aħna jkollna r-rieda li nirċevuh fil-qalb tagħna bħala Ewkaristija li tgħajjixna.
Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.